ISSN 1830-513X

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# KESE info

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Diċembru 2016 | MT



## EDITORJAL
### Żmien it-tama, żmien il-paċi

Proġetti estensivi u fit-tul bħalma hi l-Unjoni Ewropea jgħaddu minn tlajja' u nżul, u s-saħħa tagħhom tista' titkejjel permezz tal-barometru kbir tad-demokrazija, li permezz tiegħu n-nies juru l-livell ta' sodisfazzjon tagħhom bil-mexxejja u l-gvernijiet tagħhom.

Minkejja kollox, ir-Renju Unit ivvota għal Brexit u Donald Trump rebaħ l-elezzjoni presidenzjali tal-Istati Uniti.

Iċ-ċittadini esprimew ir-rieda tagħhom, u minkejja li r-riżultati jistgħu joħolqu xi ftit talansjetà, issa hemm bżonn li nħarsu lejn il-ġejjieni. L-impatt ta' dawn iż-żewġ riżultati għad irid jiġi vvalutat kompletament, imma ħaġa waħda hija ċerta: l-Ewropa trid taċċetta din ir-realtà ġdida u tirreaġixxi b'mod kostruttiv.

Imma kif jista' l-proġett Ewropew jerġa' jikseb il-fiduċja taċ-ċittadini? M'għandi l-ebda dubju li r-risposta tinsab fis-soċjetà ċivili u r-reżiljenza tagħha għal kwalunkwe bidla. Huwa hemmhekk fejn jibdew l-azzjonijiet pożittivi kollha. Għandna bżonn niffukaw fuq iċ-ċittadini u nitgħallmu minnhom. Nistgħu nieħdu l-attakki terroristiċi u l-kriżi talmigrazzjoni bħala eżempji. L-2016 ser tibqa' mfakkra għal dawk l-atti atroċi u għallfluss rekord ta' migranti u refuġjati fl-Ewropa. Għal darb'oħra, is-soċjetà ċivili kienet fuq quddiem nett. In-nies u l-organizzazzjonijiet ordinarji għamlu affarijiet straordinarji għall-persuni li tilfu kollox, kienu qed ibatu u jħossuhom iddisprati. Hemm eżempji ta' kompassjoni li jispiraw mill-Istati Membri kollha.

Din is-sena, is-**Seminar tal-KESE tal-mezzi tax-xandir tas-soċjetà ċivili** ffoka fuq il-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni: l-idea kienet li tingħata ħarsa lejn ir-rwol li jaqdu l-mezzi tax-xandir madwar l-Ewropa biex jinfluwenzaw ir-reazzjoni tal-pubbliku għall-kriżi. Permezz tas-seminar, nittamaw li tajna kontribut biex jiġi żviluppat approċċ aktar kostruttiv permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien espert u l-prattiki tajba. Il-**Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili** 2016 ser jippreżenta l-aktar azzjonijiet eċċellenti għallakkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti fl-Ewropa. Il-ħames rebbieħa (**il-Fondazzjoni Artemisszió – l-Ungerija; Dionysis Arvanitakis – il-Greċja; ILIAKTIDA – il-Greċja; SOS Méditerranée – il-Ġermanja; SOS Racismo Gipuzkoa – Spanja**) ser jiġu ppremjati għall-kisbiet tagħhom matul is-sessjoni plenarja tal-KESE tal-15 ta' Diċembru.

Huwa importanti li dawn l-eżempji Ewropej tajba jiġu kkomunikati sabiex tixxerred ilkelma u jinħoloq netwerk reali ta' reazzjoni umanitarja bejn il-fruntieri. Il-komunikazzjoni effettiva saret iktar importanti minn qatt qabel. M'għadux biżżejjed li jsir li għandu jsir u huwa essenzjali li jiżdied l-għarfien dwar kif aħna qegħdin intejbu ħajjet iċ-ċittadini. Il-KESE għażel li jixħet dawl fuq dawn l-isforzi u dawn in-nies, peress li għad hemm tama għall-Ewropa minħabba dan it-tip ta' nies.

**Gonçalo Lobo Xavier**
Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni

## L-Ewropa teħtieġ li tikseb aktar riżultati għall-konsumaturi, jgħid il-KESE

Il-KESE ppreżenta tliet opinjonijiet ewlenin dwar **l-imblukkar ġeografiku, ir-roaming u l-konsenja tal-pakketti**, fejn jistieden lill-Kummissjoni Ewropea temenda l-proposti tagħha biex is-suq uniku jsir realtà għall-konsumaturi.

Il-KESE jemmen li l-proposta tal-Kummissjoni dwar **l-imblukkar ġeografiku** probabbilment mhix se ttaffi l-frustrazzjonijiet tal-konsumaturi u l-kumpaniji, u jirrakkomanda li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għallkummerċ online u offline billi jitneħħew l-ostakli għall-bejgħ u x-xiri ta' oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri. Jeħtieġ li l-UE tindirizza l-politiki u l-leġislazzjoni li huma diverġenti ferm fost l-Istati Membri.

Dwar **ir-roaming**, il-KESE kellu riżervi serji dwar il-possibbiltà għall-operaturi li jinnegozjaw skemi ta' pprezzar bl-ingrossa barra mil-livelli limiti tal-prezz regolati, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-problema hija li "l-iskemi innovattivi ta' pprezzar bl-ingrossa" barra mill-prezzijiet regolati ma jkunux direttament marbuta mal-volumi kkonsmati, u n-negozjati x'aktarx iwasslu għal kartelli u abbużi minnaħa tal-operaturi dominanti. Barra minn hekk, il-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw żieda ġenerali fil-prezzijiet domestiċi biex tikkumpensa għat-tnaqqis fid-dħul ladarba jintemm ir-roaming. Għalhekk, il-KESE huwa favur miżuri preventivi u iktar trasparenza sabiex il-konsumaturi jkunu konxji sew dwar id-dettalji tal-kont tat-telefown tagħhom.

It-tariffi għall-**konsenji transkonfinali** jistgħu jkunu kważi ħames darbiet ogħla mit-tariffi domestiċi ekwivalenti għal konsenji ta' pakketti mill-kumpaniji barranin tal-kummerċ elettroniku. Dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu ġustifikati bi spejjeż addizzjonali fil-pajjiż ta' destinazzjoni, u jiskoraġġixxu lill-konsumaturi milli jixtru fi Stati Membri oħra. Fil-fehma tal-KESE, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skadenzi stretti għas-servizzi kollha ta' konsenja ta' pakketti biex ibaxxu t-tariffi tagħhom kif ukoll thedded li tistabbilixxi livelli limiti għat-tariffi jekk ma jikkonformawx.

## Jeħtieġ li l-miżuri kontra l-ħasil tal-flus tal-UE jkopru kull pajjiż terz b'riskju kbir

Il-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir soġġetti għal miżuri ta' diliġenza msaħħa (ippubblikata fl-14 ta' Lulju) ma tinkludix ħafna mill-pajjiżi li x'aktarx ikunu qed jaġixxu bħala refuġji tat-taxxa għall-ħasil tal-flus, partikolarment dawk imsemmija fil-"Il-Panama Papers". L-opinjoni tal-KESE dwar id-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus (AML) tipproponi li jew titfassal lista ġdida ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir jew jiġi estiż l-ambitu tal-miżuri.

Ir-Relatur Javier Doz Orrit (ES – Grupp tal-Ħaddiema) ippropona matul is-Sessjoni Plenarja ta' Diċembru li "*ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' sħubija ekonomika għandhom jinkludu kapitoli li jindirizzaw il-ħasil tal-flus, il-frodi fiskali u l-evitar tat-taxxa.*" Il-KESE adotta żewġ opinjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-evażjoni tat-taxxa. L-opinjonijiet isejħu għal reġistru Ewropew ċentralizzat ta' kontijiet bankarji, aktar trasparenza rigward il-benefiċjarji ta' kumpaniji u trusts, miżuri kontra l-kompetizzjoni fiskali inġusta, passi biex jiġu ttrattati l-anonimità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji magħmula b'kards imħallsin minn qabel u kontroll aħjar permezz ta' kooperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja.

"*It-trattament legali tar-reati kollha relatati mal-ħasil tal-flus, il-frodi fiskali, il-korruzzjoni u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-konnessjonijiet tiegħu għandu jiġi armonizzat fil-livell Ewropew, kif ukoll pieni li jirriżultaw minn nuqqas ta' konformità mad-Direttivi AML*", qal Petru Sorin Dandea (RO – Grupp tal-Ħaddiema), relatur tal-opinjoni tal-KESE dwar *tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.*

## L-10 Seminar dwar il-mezzi tax-xandir tas-soċjetà ċivili fl-Akkademja Diplomatika ta' Vjenna, b'rekord ta' attendenza

L-10 Seminar dwar il-mezzi tax-xandir tas-soċjetà ċivili sar fl-24-25 ta' Novembru 2016 fl-Akkademja Diplomatika ta' Vjenna, u attira lejh mhux biss rappreżentanti tas-soċjetà ċivili iżda wkoll diplomatiċi u organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll ġurnalisti. Is-seminar ġie appoġġjat miċ-Ċentru ta' Informazzjoni tan-NU fi Vjenna, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Ministru Awstrijakk għall-Ewropa, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Barranin, il-Presidenza Slovakka tal-UE u l-Belt ta' Vjenna. Il-proċedimenti ġew ġestiti mill-Viċi President tal-KESE Gonçalo Lobo-Xavier. Il-President tal-KESE Georges Dassis ħa sehem fis-sessjoni inawgurali u l-membru tal-KESE Georgi Stoev, il-Presidenti tal-Grupp Luca Jahier u Gabriele Bischoff kif ukoll il-President tas-Sezzjoni Pavel Trantina ħadu sehem attiv fid-dibattiti tal-panels. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq it-tema "Nikkomunikaw il-Migrazzjoni" u saru f'erba' panels li ttrattaw it-traffikar tal-migranti, ir-rwol tal-mezzi tax-xandir, l-integrazzjoni soċjali, u r-rwol ta' dawk li jfasslu l-politika.




It-taħlita ta' esperti, kelliema b'konnessjoni personali mas-suġġett, ġurnalisti ddedikati, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, flimkien ma' udjenza involuta, ipprovokat diskussjonijiet imqanqla dwar sejbiet ġodda jew dawk stabbiliti sew, kif ukoll tat lok għal xi mumenti kommoventi. Il-KESE ser jippubblika fuljett b'kontributi interessanti u importanti u l-konklużjonijiet ewlenin, li ser ikun disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-KESE fil-bidu tal-2017. Għadd limitat ta' kopji stampati se jiġu stampati wkoll.

## DATI GĦAD-DJARJU

**14-15 ta' Diċembru 2016, Brussell**
sessjoni plenarja tal-KESE

**15 ta' Diċembru 2016, Brussell**
Ċerimonja ta' premjazzjoni tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili

## F'DIN IL-ĦARĠA

2 Il-KESE jappella għal strument finanzjarju biex jispiċċa l-metodu ta' "inkaljar"

2 Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili dwar il-Migrazzjoni bilgħan li jippremja eżempji ta' solidarjetà umana li jispiraw u li għamlu suċċess

3 Madi Sharma tikteb ktieb biex tgħin tibdel 7 biljun idea f'azzjoni

www.eesc.europa.eu

# Konferenza tal-KESE u l-ILO dwar Il-ġejjieni tax-xogħol: il-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-avvanzi teknoloġiċi u ż-żieda fl-inugwaljanza



Mix-xellug għal-lemin: id-Direttur Ġenerali tal-ILO Guy Rider, il-President tal-KESE Georges Dassis u l-Kummissarju Ewropew Marianne Thyssen waqt il-konferenza stampa dwar Il-futur tax-xogħol

Fil-15 u s-16 ta' Novembru 2016, il-KESE u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) organizzaw djalogu ta' livell għoli fi Brussell dwar "**Il-ġejjieni tax-xogħol**". F'din il-konferenza ħadu sehem aktar minn 300 rappreżentant tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili Ewropej. Il-President tal-KESE, Georges Dassis, id-Direttur Ġenerali elett mill-ġdid tal-ILO, Guy Ryder, u l-Kummissarju Marianne Thyssen indirizzaw is-sessjoni inawgurali.

Il-ħaddiema u l-impjegaturi Ewropej qed jiffaċċjaw sfidi kbar li ġġib magħha ż-żieda fil-globalizzazzjoni. Dawn jinkludu forom ta' impjieg mhux standard u tibdil teknoloġiku radikali li jaffettwa n-natura nnifisha tax-xogħol. Is-sottokuntrattar, l-impjieg indipendenti, il-kuntratti li ma jispeċifikawx il-ħinijiet tax-xogħol (żero sigħat), ħinijiet tax-xogħol irregolari u ħidma onlajn permezz ta' intermedjarji qegħdin isiru preokkupazzjonijiet ta' kuljum kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-Ewropa. Skont l-Ewrobarometru tar-rebbiegħa 2016, is-sigurtà tal-impjieg hija ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini Ewropej: 47% tal-Ewropej jemmnu li "l-agħar għadu ġej" mil-lat tal-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-impjiegi.

Matul il-konferenza, id-diskussjonijiet tal-panel iffukaw fuq il-post tax-xogħol fis-soċjetà, it-tibdil fix-xejriet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-effetti tal-innovazzjoni teknoloġika u l-globalizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol u dwar il-governanza fid-dinja tax-xogħol. Is-soluzzjonijiet stabbiliti matul il-Konferenza se jikkontribwixxu għall-Inizjattiva ta' Għeluq il-Mitt Sena tal-ILO dwar il-Ġejjieni tax-Xogħol.

## Stqarrija mill-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar is-sitwazzjoni fit-Turkija fil-qasam tad-drittijiet fundamentali

Wara l-laqgħa straordinarja tal-Bureau tal-KESE, li saret fl-10 ta' Novembru 2016, il-President ħareġ id-dikjarazzjoni li ġejja:

*"Nixtieq nesprimi t-tħassib kbir tiegħi fil-konfront tas-sitwazzjoni attwali fit-Turkija fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.*

*Jekk għandu jiġi kkundannat bil-qawwa r-reat li jikkonsisti f'tentattiv li jinkiseb il-poter bil-vjolenza, l-okkorrenza ta' attentat ta' kolp ta' stat f'ebda każ ma jista' jiġġustifika sospensjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.*

*Barra minn hekk, huwa estremament allarmanti li xi ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti jew rappreżentanti eletti li ma jappoġġjawx dan l-attentat ta' kolp ta' stat jiċċaħħdu minn uħud mil-libertajiet tagħhom fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova tal-involviment tagħhom. Huwa essenzjali li t-Turkija timmira li tikkonforma mal-obbligi tagħha, b'mod partikolari, skont il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi tiżgura li l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jibqgħu rispettati anki fil-kuntest ta' derogi ġustifikati mill-istat ta' emerġenza.*

*Nistieden lill-awtoritajiet Torok biex ifittxu minn issa li jsolvu l-problema mod ieħor: huwa fl-interess stess tat-Turkija u tal-popolazzjoni u tar-relazzjonijiet futuri tagħha mal-UE, li tagħmel progress deċiżiv u definittiv lejn soċjetà pluralistika u paċifika fejn kwalunkwe idea tista' tiġi espressa b'mod ħieles, minbarra l-inkoraġġiment tal-vjolenza, fejn il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni huma assoluti, inkluż id-dritt ta' dimostrazzjoni pubblika jew parteċipazzjoni fi strajk u fejn il-komponenti kollha tas-soċjetà ċivili jistgħu jgħixu u jitkellmu mingħajr il-biża', inklużi l-minoranzi ta' kwalunkwe tip. Fil-fehma tiegħi, dan huwa l-aħjar mod kif jiġi eliminat b'mod permanenti kull riskju għall-pajjiż, tingħaqad il-popolazzjoni minkejja d-diversitajiet u titħejja b'mod effettiv adeżjoni mal-Unjoni Ewropea."*

*Georges Dassis, President tal-KESE*

# Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili dwar il-Migrazzjoni bil-għan li jippremja eżempji ta' solidarjetà umana li jispiraw u li għamlu suċċess




In-numru rekord ta' 283 applikazzjoni għall-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili dwar il-Migrazzjoni ta' din is-sena wera biċ-ċar li l-migrazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati għadhom qasam ewlieni ta' azzjoni u tħassib tas-soċjetà ċivili Ewropea. L-edizzjoni tal-2016 ser tippremja proġetti eżemplari u li jispiraw li jirrappreżentaw l-aqwa prattiki ta' solidarjetà umana fl-Ewropa u li wrew li kellhom impatt reali fuq il-post.

Il-KESE għażel 5 applikazzjonijiet mill-Ungerija, il-Ġermanja, Spanja u l-Greċja għall-edizzjoni tal-2016 tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Il-premju ta' din is-sena huwa maħsub għal individwi u organizzazzjonijiet li jkunu ddistingwew ruħhom permezz tal-ħidma tagħhom biex itejbu ħajjet il-migranti u jrawmu l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà Ewropea.

L-applikazzjonijiet magħżula jinkludu:

- **SOS Méditerranée**, proġett immexxi mill-Ġermanja li qeda rwol biex isalva 5 000 ħajja fuq il-baħar;
- **Dionysis Arvanitakis**, furnar Grieg li ħa l-inizjattiva li jqassam ħobż u ħelu moħmi lil eluf ta' migranti bil-ġuħ u ddisprati fil-bżonn;
- **SOS Racismo Gipuzkoa – Gipuzkoako SOS Arrazakeria**, proġett Spanjol li litteralment ġab eluf ta' residenti lokali u migranti madwar mejda biex jieklu flimkien u jifhmu lil xulxin; u
- **Artemisszió Foundation** u **Iliaktida**, żewġ proġetti li kienu pijunieri rispettivament fl-Ungerija u l-Greċja biex jgħinu lill-migranti u jiffaċilitaw l-integrazzjoni soċjali tagħhom.

Il-proġetti rebbieħa ser jitħabbru waqt ċerimonja tal-premjazzjoni fil-15 ta' Diċembru fis-sessjoni plenarja tal-KESE fi Brussell. Dawk magħżula ser jaqsmu bejniethom premju fi flus ta' EUR 50 000 b'rikonoxximent ta' ħidmithom sabiex tingħata spinta tant meħtieġa lill-proġetti tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu megħjuna iżjed nies. Ir-rebbieħ tal-ewwel premju ser jirċievi l-ogħla premju. Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili, li issa ilu jiġi ċċelebrat tmien snin, jingħata kull sena biex jiġi ċċelebrat qasam importanti tal-attivitajiet tal-KESE.

# Il-KESE jappella għal strument finanzjarju biex jispiċċa l-metodu ta' "inkaljar"

*L-"inkaljar" huwa d-demolizzjoni ta' bastimenti – it-tqattigħ ta' bastimenti – f'pajjiżi fejn id-drittijiet tal-ħaddiema u r-regoli tas-sikurezza huma dgħajfa jew ineżistenti, fejn il-pagi huma madwar EUR 3 għal jum ta' xogħol twil minn 12 sa 16-il siegħa.*



Għal **Martin Siecker**, membru tal-KESE (NL – Grupp tal-Ħaddiema) u President tas-Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT), li kien ir-relatur tal-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar ***Id-demolizzjoni tal-bastimenti u s-soċjetà tar-riċiklaġġ***, din hija sitwazzjoni inaċċettabbli: *"Dan ix-xogħol perikoluż irridu nwaqqfuh, peress li mhux biss qed jisfruttа l-iktar persuni foqra, iżda wkoll ipoġġi fil-periklu l-ħajja tagħhom ta' kuljum. L-UE għandha l-obbligu morali li tiddefendi d-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema f'pajjiżi barranin."*

Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toħroġ **b'leġislazzjoni aktar stretta** li tirrikonoxxi r-responsabbiltà tas-sidien tal-bastimenti u d-dmir tagħhom li jiskreppjaw il-bastimenti tagħhom f'mod diċenti, u jitlob għall-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas' għas-sidien tal-bastimenti. *"Jekk l-Ewropa tixtieq li l-bastimenti tagħha jiġu skreppjati b'mod responsabbli, għandha tiżgura li l-ispiża biex dan isir tkun inkorporata fl-ispiża operattiva tal-bastiment"*, qal il-korelatur **Richard Adams** (Renju Unit – Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, Kategorija tal-Ħaddiema).

Ir-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti tal-Kummissjoni Ewropea – applikabbli fl-2018 – jistipula standards għoljin għal faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti, iżda s-sidien tal-bastimenti jistgħu faċilment jevitaw dan billi jittrasferixxi l-pussess jew sempliċiment jibdlu l-istat tal-bandiera fl-UE. Bl-istrument finanzjarju propost mill-KESE, madankollu, is-sidien tal-bastimenti jistgħu jinżammu milli jabdikaw mir-responsabbiltà tagħhom, għaliex jekk dawk il-bastimenti ma jiġux żarmati f'faċilità elenkata f'lista approvata mill-UE, ma jkunux jistgħu jingħataw lura l-flus u jkollhom iħallsu prezz.

# L-enerġija u l-prosumaturi: opportunitajiet u sfidi għall-UE

Il-prosumaturi huma entitajiet ġodda fis-suq attwali tal-enerġija li huwa estremament kumpless. Dawn huma individwi, unitajiet domestiċi jew kooperattivi li jipproduċu kif ukoll jikkunsmaw l-enerġija, ħafna drabi fil-livell lokali. Pereżempju, dawn jistgħu jiġġeneraw l-enerġija billi jużaw turbini tar-riħ fuq skala żgħira, pannelli fotovoltajċi, kolletturi solari jew pompi tas-sħana.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar "Kooperattivi tal-prosumaturi fil-qasam tal-enerġija u l-elettriku", il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti regoli dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn l-atturi ġodda fis-suq sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tagħhom iżda wkoll biex tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni.

Peress li l-prosumaturi jiġġeneraw l-enerġija għall-bżonnijiet tagħhom stess iżda ħafna drabi jispiċċaw jipproduċu aktar, huwa kruċjali li tinstab soluzzjoni għall-enerġija żejda, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta' teknoloġija għall-ħżin tal-enerġija u t-titjib



tal-interkonnessjonijiet bejn ir-reġjuni fl-Ewropa bi profili differenti tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija.

Il-KESE jemmen li l-enerġija tal-prosumaturi għandha tkun element importanti ta' politika attiva għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u l-protezzjoni ta' gruppi soċjalment vulnerabbli. Dan jista' jgħin ukoll biex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku reġjonali u jiġu indirizzati xi wħud mill-kwistjonijiet marbutin mat-tixjiħ tas-soċjetà u l-ekonomija tal-anzjani. Il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikunu kruċjali f'dan ir-rigward.

# Ejjew nikkummerċjaw u nkunu kapaċi nikkomunikaw aħjar dwar dan

## Il-lezzjonijiet tas-CETA

Dilyana Slavova (BG – Grupp ta' Interessi Varji), President tas-Sezzjoni tal-KESE għar-Relazzjonijiet Esterni

Il-kummerċ huwa tajjeb. Il-kummerċ ġust u trasparenti huwa aħjar. Dejjem għamilna hekk. Il-kummerċ kien l-attività prinċipali tal-preistoriċi, li skambjaw prodotti u servizzi bejniethom qabel ma nħolqot il-munita moderna.

L-affarijiet jikkumplikaw ruħhom ftit iktar meta nqisu l-ftehimiet internazzjonali tal-kummerċ fuq skala kbira. L-istorja tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, is-segretezza dwar in-negozjati, u l-informazzjoni mikxufa dwar il-ftehim attwali kollha jfissru li hemm potenzjal kbir għal nuqqas ta' fiduċja u suspett.

L-aktar eżempju reċenti huwa l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada. Kien jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE. Wara li ntlaħaq kunsens fit-28 ta' Ottubru, 28 Stat Membru tal-UE approvaw il-ftehim.

Iżda xi ċittadini tal-UE ma aċċettawx dan kif ġieb u laħaq. Il-Walloons mhumiex l-uniċi li jopponew is-CETA. 3.4 miljun ċittadin Ewropew iffirmaw petizzjoni kontra s-CETA u hemm aktar minn 2 000 "żona ħielsa mit-TTIP u mis-CETA" fl-Ewropa. Dawn l-ilħna m'għandhomx jiġu injorati. Jeħtieġ li t-tħassib tal-poplu neħduh bis-serjetà u naġixxu b'mod trasparenti.

Għalhekk hemm ħtieġa ċara għal mod aħjar kif nittrattaw il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, mod li jinvolvi lill-Istati Membri tal-UE u l-gvernijiet nazzjonali kif ukoll li jisma' leħen is-soċjetà ċivili organizzata. L-UE trid titgħallem lezzjoni oħra minn din l-esperjenza sfortunata: il-ħtieġa li tkun trasparenti, speċjalment fil-kuntest tan-negozjati ta' kummerċ ħieles li għaddejjin bħalissa mal-Istati Uniti. It-trasparenza għandha tkun fil-veru qalba tal-ftehimiet kollha tal-kummerċ u l-investiment u l-prinċipji tat-trasparenza u d-demokrazija għandhom jiġu rispettati matul il-proċess ta' ratifika.

Id-diskussjonijiet dwar is-CETA wrew problema fundamentali fil-komunikazzjoni dwar il-kummerċ. Hi illużjoni li naħsbu li fid-dinja globalizzata u konnessa tal-lum nistgħu nwaqqfu l-kummerċ u nagħlqu s-swieq tagħna. Ma nistgħux inwaqqfu l-bidliet teknoloġiċi, l-innovazzjoni u l-awtomatizzazzjoni. Dak li neħtieġu llum hu li nsawru l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ skont il-valuri tagħna u nadattawha għall-istennijiet taċ-ċittadini Ewropej. In-negozjar tal-ftehimiet kummerċjali huwa r-responsabbiltà tal-UE minħabba li l-poter li jingħata aċċess għas-suq kbir tal-UE jagħtina aċċess aħjar għas-swieq barranin. Madankollu, l-Istati Membri, flimkien mal-UE, għandhom jaħdmu aktar fuq l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali u jiżviluppaw politiki ta' aġġustament li jikkorrispondu aħjar għall-isfidi ta' kull Stat Membru f'termini ta' politika soċjali, infrastruttura u innovazzjoni. Il-benefiċċji tal-kummerċ huma mifruxa u ma jinħassux immedjatament, filwaqt li l-effetti negattivi tal-ftuħ tal-kummerċ jistgħu jkunu imprevedibbli u jkollhom effett immedjat. L-Istati Membri tal-UE għandhom jerġgħu jersqu lejn iċ-ċittadini tagħhom biex jippreżentaw u jfissru l-ftehimiet ta' kummerċ, inklużi l-valuri, il-benefiċċji potenzjali u l-isfidi tagħhom, sabiex is-soċjetà ċivili organizzata tkun tista' taqdi rwol f'dan id-dibattitu.



Il-lezzjonijiet tas-CETA għandhom jinsiltu b'mod xieraq u rapidu. Din hija l-opportunità għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex jagħtu spinta mill-ġdid lill-politika kummerċjali tal-UE billi jinnegozjaw il-ftehimiet kummerċjali li jmiss b'mod trasparenti u demokratiku. Dan ifisser li l-gvernijiet, il-parlamenti u l-pubbliku jiġu inklużi kemm jista' jkun kmieni u b'mod l-aktar ġenerali. Hekk biss ikunu fil-fatt jistgħu jiksbu l-appoġġ taċ-ċittadini madwar l-Ewropa.

M'għandniex ninsew li meta l-għan huwa ftehim komprensiv bħal dan, dawk kollha li se jintlaqtu jrid ikollhom il-possibbiltà li jsemmgħu leħinhom. Hekk taħdem id-demokrazija.

# Għal Unjoni ta' valuri, jeħtieġ li nħarsu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, jgħid il-KESE

L-Unjoni Ewropea mhijiex biss suq komuni; hija unjoni ta' valuri komuni li jsawru l-identità Ewropea. Dawn il-valuri jinkludu d-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rispett ta' dawn id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji huwa prerekwiżit għall-adeżjoni mal-UE, iżda ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu biex jinfurzawhom meta jiġu mhedda fi Stat Membru kwalunkwe. F'Opinjoni ġdida, il-KESE jirrakkomanda li nieħdu pass ieħor 'il quddiem biex ninfurzaw kif imiss l-istat tad-dritt u d-demokrazija.

Il-KESE jemmen li l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi emendat sabiex jippermetti mekkaniżmu legalment vinkolanti li jissorvelja l-legalità, il-ġerarkija tan-normi, iċ-ċertezza legali, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċess liberu għall-ġustizzja u proċess ġust, il-prevenzjoni tal-abbużi u l-arbitrarjetà mill-awtoritajiet pubbliċi, is-separazzjoni tas-setgħat, ir-rispett u l-protezzjoni tal-pluraliżmu politiku, il-minoranzi u d-diversità soċjali u sesswali u r-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-istampa. B'dan il-mod, jistgħu jiġu identifikati n-nuqqasijiet u tintalab l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa.

Għandu jiġi konkluż ukoll patt ġdid għad-demokrazija li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fid-difiża tal-valuri demokratiċi. Il-KESE, flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jista' jorganizza forum annwali biex janalizza s-sitwazzjoni fl-Istati Membri tal-UE u jfassal proposti biex jirrimedjaw u jimpedixxu l-ksur.

# Ma nistgħux naċċettaw id-deterjorament taż-żoni rurali

*Għoxrin sena wara l-ewwel Dikjarazzjoni ta' Cork, il-KESE flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) organizza konferenza fid-9 ta' Novembru biex jiddiskuti l-istrateġija l-ġdida għall-iżvilupp rurali tal-Kummissjoni Ewropea, li se tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0.*

"*Jekk ma nkunux aħna li nagħtu prospetti għażżgħażagħ billi ninvestu fl-infrastruttura u nistimulaw it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali, nitilfu l-iktar kapital prezzjuż, iż-żgħażagħ tagħna, u dan ikun il-bidu tat-tmiem taż-żoni rurali*", qal Brendan Burns (Renju Unit – Grupp ta' Min Iħaddem), President tas-Sezzjoni tal-KESE għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent.

Madankollu, 20 sena wara s-sejħa tal-ewwel konferenza għal "distribuzzjoni aktar ġusta" tan-nefqa pubblika u l-investimenti, id-distakk bejn iż-żoni rurali u dawk urbani għadu jikber, mhux l-inqas minħabba li l-finanzjament rurali naqas. Il-KESE




jitlob li jkun hemm approċċ territorjali b'saħħtu li jqis il-kampanja u l-belt bħala ta' benefiċċju reċiproku għall-partijiet kollha.

Il-**President** tal-KESE Georges Dassis enfasizza l-impenn tiegħu lejn komunitajiet rurali aktar vibranti, li jista' wkoll ikollu rwol kruċjali fil-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Huwa qal: "*Wasal iż-żmien għal alleanza strateġika bejn il-partijiet interessati kollha li jippromwovu l-isfruttament aħjar tal-potenzjal taż-żoni rurali. U din l-alleanza għandha tinkludi mhux biss il-KtR u l-KESE, iżda wkoll il-Parlament Ewropew.*" (sma)

# Fil-COP22, il-KESE ħadem favur rwol ewlieni għall-atturi mhux governattivi fl-azzjoni dwar il-klima




Il-COP22 sar f'Marrakexx, il-Marokk, mis-7 sat-18 ta' Novembru 2016. Il-Ftehim ta' Pariġi adottat fil-COP21 (li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016) stipula l-mira fit-tul li t-tisħin globali jiġi limitat għal "sew inqas minn 2 °C meta mqabbel mal-livelli pre-industrijali".

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi ser ikollu impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' kull ċittadin Ewropew. It-Triq minn Pariġi għal ekonomija mingħajr karbonju hija sfida kbira u l-KESE jara l-azzjoni klimatika primarjament bħala opportunità biex jinħolqu negozji u impjiegi ġodda u biex itejjeb il-benesseri taċ-ċittadini tal-UE.

**Il-KESE pparteċipa fil-COP22 bħala osservatur fid-delegazzjoni uffiċjali tal-UE** sabiex jiġi promoss il-kunċett ta' mudell ġdid ta' governanza klimatika Ewropea fejn l-atturi mhux governattivi għandhom jaqdu rwol kruċjali.

B'din il-mira, il-KESE u l-imsieħba tiegħu, il-KtR, il-Comité 21 Franza (C21F) u l-OECD — iddeċidew li jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu koalizzjoni internazzjonali ġdida dwar il-klima għall-governanza f'diversi livelli u b'diversi partijiet interessati, bl-għan li s-soċjetà ċivili tingħata r-rwol ġust tagħha fl-azzjoni dwar il-klima.

# L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt tas-Soċjetà Ċivili UE-Ċili

Fl-4 u l-5 ta' Ottubru 2016, il-Kumitat Konsultattiv Konġunt tas-Soċjetà Ċivili UE-Ċili (JCC), stabbilit skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili kellu l-ewwel laqgħa tiegħu, mhux inqas minn 11-il sena wara li l-Ftehim daħal fis-seħħ.

Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt huwa kkopresedut mill-membru tal-KESE, Lidija Pavic-Rogošic (HR – Grupp ta' Interessi Varji) u minn Miguel Santibáñez, koordinatur ta' Acción, in-netwerk tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi Ċileni. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt kellha l-għan li tistabbilixxi l-missjoni u l-kompiti tiegħu, u tfassal ir-regoli ta' proċedura u programm ta' ħidma konġunta bbażat fuq temi ta' interess reċiproku.

Il-ħolqien tant mistenni tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt jasal fi żmien kruċjali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċili, hekk kif għaddejjin diskussjonijiet għall-**immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni**, inkluż kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles innegozjati riċentement. Il-KESE jittama li l-Kumitat Konsultattiv Konġunt se jaqdi rwol attiv f'dan il-proċess u jsir l-uniku korp konsultattiv tas-soċjetà ċivili fi ftehim futur.

Għal aktar informazzjoni: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-eu-chile-jcc-01

# Delegazzjoni tal-KESE evalwat is-sitwazzjoni tar-refuġjati b'diżabilità f'Lesbos u f'Ateni

Delegazzjoni tal-Grupp ta' Studju Permanenti tal-KESE dwar id-Diżabilità, li tinkludi lis-Sinjuri Ioannis Vardakastanis (EL – Grupp ta' Interessi Varji), Bernard Noël (BE – Grupp tal-Ħaddiema) u Dare Stojan (SI – Grupp ta' Min Iħaddem) żaret il-Greċja f'Ottubru li għadda biex tivvaluta s-sitwazzjoni tar-refuġjati u migranti oħra b'diżabilitajiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza f'Lesbos u f'Ateni. Iż-żjara kienet organizzata bl-għajnuna tal-Konfederazzjoni Nazzjonali Griega tal-Persuni b'Diżabbiltà.

Il-kampijiet tar-refuġjati Griegi bħalissa jilqgħu' 60 000 ruħ, li l-biċċa l-kbira minnhom jidher li qed jippjanaw li jmorru jgħixu l-Ġermanja jew l-Isvezja, iżda l-għeluq tal-fruntieri bidel il-Greċja minn sempliċi post ta' tranżitu għal wieħed ta' permanenza itwal. Madankollu, ma teżisti l-ebda data dwar l-għadd ta' persuni b'diżabbiltà fost ir-refuġjati.



Il-membru tal-KESE Ioannis Vardakastanis ma' refuġjat b'diżabbiltà f'Lesbos

Ladarba jiġu identifikati, tfal u adulti b'diżabilità qed jiġu akkomodati f'ċentri ta' akkoljenza miftuħin, u qed jingħataw l-aħjar kundizzjonijiet ta' għajxien fil-limiti ta' kull faċilità. Saru sforzi biex is-siti ta' akkoljenza għar-refuġjati b'diżabilità jsiru aċċessibbli, iżda minħabba l-art mhux ċatta, il-postijiet remoti u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi, il-mobilità u l-aċċess ċertament jippreżentaw sfida. Il-ġimgħa ta' qabel iż-żjara rat it-tnedija ta' programm ġdid immirat biex ir-refuġjati tfal jidħlu fl-iskejjel. Madankollu ma ngħatat l-ebda attenzjoni għal tfal refuġjat b'diżabilità.

Il-KESE ser jorganizza seduta fi Frar 2017 biex jippreżenta r-riżultati ewlenin ta' din il-missjoni lill-istituzzjonijiet oħra tal-UE u l-partijiet interessati rilevanti oħrajn

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA

### L-ewwel fuljett easy-to-read tal-KESE għal ċittadini b'diffikultajiet ta' komprensjoni

***X'inhu l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew?***




Il-KESE għadu kif ippubblika l-ewwel fuljett *easy-to-read* maħsub għal persuni b'diffikultajiet ta' komprensjoni minħabba diżabbiltà mentali jew livell baxx ta' edukazzjoni, jew problemi oħrajn li jistgħu jillimitaw l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni. Il-fuljett jippreżenta l-KESE, ir-rwol tiegħu, il-funzjonament tiegħu u l-attivitajiet tiegħu b'mod sempliċi. Il-lingwaġġ ċar, it-tipografija u l-format isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-linji gwida dwar dan it-tip ta' pubblikazzjoni.

Lingwi tal-pubblikazzjoni: EN, FR, DE

QE-AA-16-009-MT-N

# Diskussjoni fi Bratislava dwar "Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea tal-Enerġija – enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli"

## mill-Grupp ta' Interessi Varji

Fis-27 ta' Ottubru 2016, il-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE ltaqa' fi Bratislava biex jiddiskuti s-suġġett *Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea tal-Enerġija – enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli*.


Mix-xellug għal-lemin: Maroš Šefčovič, Luca Jahier u Rudolf Kropil

Il-konferenza laqqgħet flimkien madwar 120 rappreżentant tas-soċjetà ċivili mis-Slovakkja u l-KESE, u fiha ħadu sehem il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni tal-Enerġija, Maroš Šefčovič, u s-Segretarju tal-Istat tas-Slovakkja għall-Ekonomija, Vojtech Ferencz. Fid-diskors tal-ftuħ tal-konferenza, Luca Jahier, President tal-Grupp ta' Interessi Varji, ħeġġeġ lill-atturi kollha biex jappoġġjaw bis-sħiħ l-Unjoni tal-Enerġija tal-UE li, fil-fehma tiegħu, kellha l-potenzjal li ssir "*l-alternattiva ekoloġika tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar tat-Tielet Millennju*".

Is-Sur Jahier qal ukoll li l-Unjoni tal-Enerġija hija mingħajr dubju opportunità immensa għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u strument pożittiv għall-kooperazzjoni, il-koeżjoni, is-solidarjetà u l-fiduċja fil-livell Ewropew. Din il-fehma esprimiha wkoll is-Sur Šefčovič, li enfasizza li l-Unjoni tal-Enerġija hija proġett Ewropew konsenswali ferm u li s-soċjetà ċivili, li hija fil-qalba tas-soċjetajiet Ewropej, għandha tagħmel il-parti tagħha sabiex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni enerġetika tkun ġusta u li ħadd ma jitħalla barra.

# It-Tisħiħ tat-Tkabbir u l-Kompetittività Ewropej: Aġenda ta' Kummerċ Proattiv – ISSA!


Jacek Krawczyk mal-ambaxxatur tal-Istati Uniti Charles Adames, Signe Ratso (DĠ TRADE tal-KE) u Matti Anttonen, segretarju tal-Istat fil-Ministeru Finlandiż għall-affarijiet ekonomiċi u esterni

## mill-Grupp ta' Min Iħaddem

M'hemmx dubji dwar ir-rwol tal-kummerċ bħala mutur għat-tkabbir u l-impjiegi, iżda l-perċezzjoni pubblika dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ qed tmur għall-agħar u t-tħassib taċ-ċittadini għandu jiġi indirizzat b'mod aktar effettiv. Din kienet waħda mill-konklużjonijiet tal-konferenza dwar *It-Tisħiħ tat-Tkabbir u l-Kompetittività Ewropej: Aġenda ta' Kummerċ Proattiv – ISSA!* li saret f'Ħelsinki fis-26 ta' Ottubru. Il-konferenza kienet organizzata b'mod konġunt mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, il-Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi u ICC Finland.

Ġie enfasizzat li l-organizzazzjonijiet tan-negozju għandhom jiġġustifikaw il-kummerċ ħieles; ma nistgħux nassumu li n-nies jifhmu l-benefiċċji tiegħu. L-Istati Membri wkoll għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward. L-Istati Membri għandhom jagħtu mandat lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja ftehimiet kummerċjali biss wara li jsiru dibattiti domestiċi dettaljati u jingħata appoġġ mill-parlamenti nazzjonali. Il-politika kummerċjali ma tistax tkun soġġetta għal kwistjonijiet nazzjonali. Kwalunkwe tħassib fil-livell nazzjonali jew saħansitra reġjonali għandu jiġi diskuss aktar kmieni fil-proċess. L-UE teħtieġ aġenda ta' kummerċ proattiv għan-negozju, u r-regolamentazzjoni għandha tappoġġja – mhux tfixkel – it-tkabbir tan-negozju.

Id-diskussjoni f'Ħelsinki kienet ferm f'waqtha minħabba li seħħet matul in-negozjati tal-aħħar dwar is-CETA. Wara li ntlaħaq il-qbil aħħari dwar il-ftehim, il-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem u l-koorganizzaturi Finlandiżi ħarġu dikjarazzjoni konġunta fejn urew appoġġ għall-kummerċ ħieles u stqarrew li l-appoġġ wiesa' għall-kummerċ ħieles minn min iħaddem u mit-trejdjunjuns huwa possibbli meta d-diskussjoni tkun ibbażata fuq fatti u ċifri u mhux fuq miti u biżgħat.

# FIL-QOSOR

## Il-membru tal-KESE Madi Sharma tikteb ktieb biex tgħin tibdel 7 biljun idea f'azzjoni

Il-membru tal-KESE, Madi Sharma (UK – Grupp ta' Min Iħaddem) ippubblikat hi stess il-ktieb tagħha *Madi No Excuses!* Bħala persuna li ġarrbet vjolenza domestika li mbagħad saret intraprenditur ta' suċċess, Madi għandha l-għan li tgħin lil kulħadd, b'mod partikolari individwi żvantaġġati, biex isiru persuni li jwettqu l-bidla, billi jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom ta' intraprenditorija fis-sens usa' tal-kelma. L-intraprenditorija, kif enfasizzata fl-Opinjoni tal-KESE *Il-kreattività u l-intraprenditorija: mekkaniżmi biex noħorġu mill-kriżi*, la hija dwar flus u lanqas dwar pjani ta' negozju: hija dwar l-ideat u t-tisrif ta' dawk l-ideat f'realtà. Għal aktar informazzjoni, ara dan is-sit elettroniku: https://www.indiegogo.com/projects/madi-no-excuses-action-book#/


Il-membru tal-KESE Madi Sharma ma' grupp ta' intraprendituri aspiranti

## Il-membru tal-KESE Thierry Libaert jistħarreġ dwar il-komunikazzjoni ambjentali


Il-membru tal-KESE Thierry Libaert (xellug) matul l-avveniment ta' tnedija

Fis-16 ta' Novembru, saret diskussjoni f'panel fil-kulleġġ tan-negozju INSEEC (INSEEC Business School) f'Pariġi biex tfakkar il-pubblikazzjoni ta' La communication environnementale (Il-komunikazzjoni ambjentali), ktieb editjat minn Thierry Libaert, membru tal-KESE (FR, Grupp ta' Interessi Varji). Is-Sur Libaert mexxa d-dibattitu flimkien ma' wħud mill-kontributuri tal-ktieb u kelliema distinti.

Il-ktieb, li huwa ppubblikat miċ-Ċentru Nazzjonali Franċiż għar-Riċerka Xjentifika (CNRS), jagħti ħarsa dwar kif il-komunikazzjoni ambjentali żviluppat minn meta feġġet fis-snin 90 wara sensiela ta' diżastri ambjentali sal-integrazzjoni tagħha fid-diskussjonijiet tan-negozji u ta' dawk li jfasslu l-politika. Jistħarreġ ukoll kif il-komunikazzjoni ambjentali tinfluwenza kemm l-azzjoni, il-proċessi u l-operat ta' organizzazzjoni fir-rigward tal-ambjent kif ukoll l-imġiba tal-konsumatur.

# XEWQAT GĦALL-FESTI

Għeżież qarrejja,

Nixtiqulkom l-isbaħ xewqat għaż-żmien tal-Milied u 2017 mimlija risq u saħħa.

Nirringrazzjawkom tal-interess tagħkom u nistennew bil-ħerqa sena ġdida mimlija sfidi u opportunitajiet ġodda u eċċitanti hekk kif qed inħejju ruħna biex nibdew nużaw format onlajn ġdid fix-xhur li ġejjin.

It-tim ta' KESE Info



# L-investiment pubbliku fl-Ewropa: l-UE tista' u għandha tagħmel iżjed!

## mill-Grupp tal-Ħaddiema

L-Ewropa għadha qed tbati minn nuqqas ta' investiment, u dan ixekkel l-irkupru ekonomiku u l-progress soċjali. It-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku permezz tal-investiment pubbliku kien is-suġġett ta' laqgħa straordinarja tal-Grupp tal-Ħaddiema fit-30 ta' Novembru.

L-ekonomista Achim Truger ippreżenta studju intitolat "*L-implimentazzjoni tar-regola tad-deheb għall-investiment pubbliku fl-Ewropa*", fejn jispjega kif id-defiċits pubbliċi jistgħu jiġu ġġustifikati jekk jintużaw għal skopijiet ta' investiment. Il-parteċipanti ddiskutew kif tali regola tista' tkun applikata b'suċċess fil-livell tal-UE sabiex tippermetti iktar flessibiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir billi teskludi l-investiment produttiv mill-miri tad-defiċit u tad-dejn nazzjonali.

Ir-riċerkatriċi Chiara Crepaldi ppreżentat ukoll studju li jeżamina l-possibbiltà ta' sinerġiji bejn il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-inizjattiva tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali tal-UE bħala elementi ewlenin ta' strateġija ġdida għal konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq fl-Ewropa. Il-parteċipanti saħqu li hemm urġenza biex l-UE tiżviluppa proġett pożittiv biex tiggarantixxi kundizzjonijiet ta' għajxien u tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema u ċ-ċittadini tagħha, speċjalment fid-dawl taż-żieda fin-nazzjonaliżmu u l-isfidi tal-era diġitali.



Il-laqgħa kienet opportunità biex jiġi diskuss il-progress fuq il-*Pakkett għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment* tal-President Juncker, b'enfasi fuq ideat għall-promozzjoni tal-politika ta' investiment tal-UE u l-inizjattiva tal-"Pilastru Soċjali" bħala strumenti sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv u bħala alternattiva għall-politiki ta' awsterità. (mg)

*Il-KESE Info* hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

**Editur:**
Alun Jones (kap editur)
Daniela Marangoni (dm)

**Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma**
Caroline Alibert-Deprez (cad)
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Dilyana Slavova
Jasmin Klotzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Margarida Reis (mr)
Margarita Gavanas (mg)
Milen Minchev (mm)
Monica Procopet (mp)
Silvia M. Aumair (sma)

**Koordinazzjoni globali**
Daniela Marangoni
Katerina Serifi

**Edizzjoni magħluqa fl-1 ta' Diċembru 2016**

**Indirizz:**
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Faks (+32 2) 546 97 64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: http://www.eesc.europa.eu/

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.
Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat:
URL: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info
Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.
Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.
Numru ta' kopji stampati: 5800 kopja.
Ħarġa li jmiss: Jannar 2017
STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100%

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet